**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 169/21 AL

ABC

vs

Avukat Sabrina Micallef (K.I. 164587 M) bħala prokuratriċi tal-imsiefer DB (K.I. 48569A) u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2021 Dr. Sabrina Micallef giet estromessa mill-atti u l-intimat assuma l-atti proprju.

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. ILLI r-rikorrenti u DB izzewgu f' Malta, nhar l-1 ta' Mejju 2010 (Dok.JVl); minn tali zwieg kellhom tifel illi llum ghandu 6 snin; il-partijiet isseparaw bonarjament permezz tal-kuntratt anness bhala Dok.A, awtorizzat permezz ta' Digriet Nru 70/18RGM (Dok.B), liema kuntratt u digriet flimkien mac-certifikati relattivi jinsabu fl-atti tan-Nota Nru 1827/2017; tali atti gew intavolati mill-intimata nomine fil-kwalità taghha ta' mandatarja specjali tar-ragel;

2. ILLI z-zwieg ma rnexxiex minhabba inkompatibilità ta' karattru u ta' stil ta' hajja; ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat definittivament nhar l-24 ta' Marzu 2017 meta l-esponenti kienet kostretta tinizja proceduri kontra zewgha; minn dakinhar qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u ma hemm ll-ebda possibilità ta' rikonciljazzjoni futura bejniethom; ir-ragel bhalissa jahdem Riyadh u jqatta l-hin tieghu bejn Riyadh u Beirut, u jigi Malta saltwarjament sabiex jara lil ibnu;

3. ILLI l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghal manteniment, filwaqt illi l-manteniment li jhallas ir-ragel ghall-manteniment ta' ibnu jinsab imhallas puntwalment;

4. ILLI ghaldaqstant l-esponenti tiddikjara li jissussistu r-rekwiiiti kollha fil-ligi sabiex tinghata sentenza ta' divorzju;

5. ILLI finalment, l-esponenti tixtieq tirriverti lura ghal kunjom xbubitha;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-hall tal-imsemmi zwieg (Certifikat 350/2010, 0279159) bejn il-partijiet permezz ta' divorzju.

2. Tiddikjara li r-rikorrenti Paula Greta Maalouf Paris irrivertiet ghal kunjom xbubitha, sabiex b'hekk tkun maghrufa biss bhala Paula Greta Paris;

3. Tordna li jigi notifikat b'dan id-Direttur tar-Registru Pubbliku skont il-ligi sabiex jirregistra tali divorzju u bdil ta' kunjom tar-rikorrenti skont il-ligi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2021;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jwieġeb li ma' għandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Jannar 2018 u ilhom aktar minn erba` snin *de facto* separati minn ma' xulxin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tawtorizza lir-rikorrenti fuq talba tagħha stess sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u għalhekk tkun magħrufa biss bhala "Paula Greta Paris" u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.